

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000012/2021

lill-Kummissjoni

Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

Sandra Pereira (The Left), **João Ferreira** (The Left), **Peter Pollák** (PPE), **Giorgos Georgiou** (The Left), **Niyazi Kizilyürek** (The Left), **Marc Botenga** (The Left), **Tudor Ciuhodaru** (S&D), **Tanja Fajon** (S&D), **Sira Rego** (The Left), **Manu Pineda** (The Left), **Pernando Barrena Arza** (The Left), **Rosa D'Amato** (Verts/ALE), **Ivan Vilibor Sinčić** (NI), **Alex Agius Saliba** (S&D), **Bettina Vollath** (S&D), **Klemen Grošelj** (Renew), **Isabel Carvalhais** (S&D), **Maria-Manuel Leitão-Marques** (S&D), **Jordi Solé** (Verts/ALE), **Diana Riba i Giner** (Verts/ALE), **Demetris Papadakis** (S&D), **Petra Kammerevert** (S&D), **Eugenia Rodríguez Palop** (The Left), **Idoia Villanueva Ruiz** (The Left), **Chris MacManus** (The Left), **Miriam Lexmann** (PPE), **Kateřina Konečná** (The Left), **Leila Chaibi** (The Left), **Chiara Gemma** (NI), **Konstantinos Arvanitis** (The Left), **José Gusmão** (The Left), **Marisa Matias** (The Left), **Nikolaj Villumsen** (The Left), **Özlem Demirel** (The Left), **Josianne Cutajar** (S&D), **Elena Kountoura** (The Left), **Miguel Urbán Crespo** (The Left), **Fabio Massimo Castaldo** (NI), **Mick Wallace** (The Left), **Clare Daly** (The Left)

Suġġett: Ir-reazzjoni negattiva kontra d-drittijiet tat-tfal minħabba l-miżuri ta' konteniment tal-COVID-19

Minkejja li huma inqas affettwati mill-virus innifsu, it-tfal qed iġorru piż sproporzjonat tal-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari f'termini tal-miżuri ta' lockdown. L-iskejjel preprimarji, il-kindergartens u l-iskejjel ilhom magħluqa għal xhur sħaħ, u dan jaffettwa mhux biss l-edukazzjoni tat-tfal, iżda wkoll in-nutrizzjoni, l-iżvilupp, l-iżvilupp soċjali u l-protezzjoni tagħhom. It-tagħlim mill-bogħod żied l-inugwaljanza fl-edukazzjoni, b'mod partikolari l-esklużjoni diġitali, inkluż in-nuqqas ta' kompjuters u n-nuqqas ta' aċċess għall-internet. Il-miżuri ta' konteniment wasslu għal żieda fil-vjolenza fil-familji, filwaqt li ddgħajjef ukoll id-dritt tat-tfal li jilagħbu. Ir-reazzjonijiet tal-protezzjoni soċjali spiss ma jirnexxielhomx jissodisfaw il-ħtiġijiet tat-tfal u tal-familji tagħhom.

Barra minn hekk, il-COVID-19 u l-miżuri ta' konteniment sussegwenti ħolqu theddida partikolari għad-drittijiet tat-tfal b'diżabilità, it-tfal li jgħixu f'istituzzjonijiet, u t-tfal Rom u migranti.

Il-UNICEF jidentifika fatturi ta' riskju komuni għall-vjolenza, l-abbuż u n-negliġenza assoċjati mal-COVID-19, jiġifieri:

- aktar faqar u insigurtà tal-ikel minħabba t-telf ta' impjiegi u introjtu;
- it-tfixkil tan-networks ta' appoġġ bejn il-pari u soċjali għat-tfal u l-induktraturi;
- it-tfixkil tas-servizzi ta' appoġġ komunitarju u soċjali għat-tfal u l-induktraturi;
- rutini interrotti tat-tfal u tal-induktraturi;
- żieda fl-użu ta' alkoħol u/jew sustanzi mill-induktraturi;
- arranġamenti *ad hoc* għall-induktrar tat-tfal.

Il-pandemija qed tinbidel malajr fi kriżi ġeneralizzata tad-drittijiet tat-tfal. Id-drittijiet, l-iżvilupp u l-ġejjieni ta' wliedna jinsabu mhedda. Li niżguraw li l-ġenituri u l-induktraturi jkunu jistgħu jappoġġaw lit-tfal matul dan il-perjodu u li ma jkollhomx għalfejn iġarrbu tnaqqis fl-introjtu tagħhom ma jistax jittqies bħala sempliċi spiża. Għall-kuntrarju, għandu jittqies bħala investiment fil-kwalità tal-ħajja tat-tfal għal ġejjieni aħjar.

1. X'tipi ta' miżuri qed tieħu l-Kummissjoni biex tindirizza din ir-reazzjoni negattiva li qed tiżdied?
2. Fi sforz biex tiġġieled kontriha, il-Kummissjoni qed tagħmel ħilitha biex timmobilizza rispons rapidu għar-riċerka ħalli tipprovdi l-evidenza meħtieġa biex jiżiedu l-valutazzjonijiet rapidi, jiġu żviluppati strateġiji b'mod urġenti u jitħejjew interventi flimkien mal-Istati Membri?

Imressqa: 01/03/2021

Skadenza: 02/06/2021